ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 34 IT-TNEJN, 11 TA' SETTEMBRU 2017**

Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu,li jinsab fl-indirizz 392, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, nhar it-Tnejn, 11 ta' Settembru 2017 fis-7.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Għaxar Kunsilliera)**

Jesmond Aquilina – Sindku
Bjorn Azzopardi – Viċi Sindku
Ralph Puli – Kunsillier
Robert Reno Cremona – Kunsillier (attenda fis-7.30pm)
Renald Falzon – Kunsillier
Josef Aquilina – Kunsillier
Martina Brancaleone - Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Antoine Saliba Haig – Kunsillier
Daniel Bugeja - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Jerome Caruana Cilia – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kenneth Brincat – Segretarju Eżekuttiv
Mattea Sghendo – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

**MINUTI**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ippresjeda il-laqgħa.

Is-Sindku beda billi qal it-talba u infurma lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.lc.gov.mt.

**34/01 QARI TA' ITTRI TA' APOLOĠIJI**

**34/01/01** **Is-Segretarju Eżekuttiv** qara l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Jerome Caruana Cilia li ma setax jattendi l-laqgħa minħabba safar. Il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza kienet għal raġuni ġustifikata u għaldaqstant m'għandux jsir nuqqas fl-*allowance*.
.

**34/02 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 33**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 33 li nżammet nhar it-Tnejn 3 ta' Awwissu 2017, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Josef Aquilina issekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 33 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**34/03 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**34/03/01** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** infurma lill-Kunsill li wara li saret laqgħa mal-Ministru tal-Ambjent, Onor Jose Herrera, dwar it-tindif tal-widien, dakinar stess il-Ministru ħatar task force magħmula minn diversi rappreżentanti ta' awtoritajiet differenti, fosthom lilu bħala rappreżentant tal-Kunsilli Lokali.

**34/03/02** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** infurma lill-Kunsill dwar il-proposta tal-President ta' Malta sabiex fi skema li se tiġi mnedija waqt l-Istrina 2018, se jingħataw numru ta' siġar bħala donazzjoni. Il-proposta hija li dawn jiġu mħawwla fil-widien ta' Ħal Qormi. Is-Sindku kompla li ġew identifikati żoni f'Wied il-Kbir, Wied is-Sewda u Wied iċ-Ċawsli sabiex jitħawwlu madwar 400 siġra.

34/03/03 **Is-Sindku Jesmond Aquilina** infurma lill-Kunsill li l-Onor Silvio Parnis, Segretarju Parlamentari stieden lill-Kunsill għal-laqgħa li se tinżamm fis-26 ta' Settembru fil-4.30pm. Il-Kunsilliera huma mħeġġa li jattendu. Il-materji li se jiġu diskussa huma: l-infurzar partikolarment dwar containers illegali u dwar karozzi abbandunati; is-suq fil-beraħ; tindif.

34/03/04 **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Ċirkulari 17/2016 maħruġa mill-istess Dipartiment. is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kull Kunsill suppost kollu Deputat Segretarju Eżekuttiv li jrid jintgħażel minn fost il-persuni li jagħmlu parti mill-Pool ta' Segretarji Eżekuttivi Prospettivi. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla jispjega li l-Kunsill kien diġa ħatar lis-Sinjorina Karen Camilleri iżda peress li l-ħatra issir għall-perjodu ta' tlett xhur hemm bżonn li l-Kunsill jerġa jressaq in-nomina għall-approvazzjoni tal-Ministru.

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq mozzjoni biex il-Kunsill Lokali Ħal Qormi jaħtar lill-Karen Camilleri bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv.

**Il-Viċi-Sindku Bjorn Azzopardi** issekonda.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

Għaldaqstant il-Kunsill għandu jibgħat in-nomina tal-ħatra ta' Karen Camilleri bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv għall-approvazzjoni tal-Ministru.

34/03/05 **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill it-talba tal-kuntrattur Charles Baldacchino dwar reviżjoni tar-rati tal-kuntratt preżenti skont kif jistipula l-kuntratt. Il-Kunsill qabel unanimament li japprova t-talba skont il-parir tal-perit tal-Kunsill fejn jiġu approvati rati ġodda skont kif stipulat fil-kuntratt u skont il-workings approvati mill-perit tal-Kunsill.

34/03/06 **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill proposta ta' taħriġ għall-istaff taħt il-programm tal-Erasmus bi spiża ta' Eur240 għal kull membru. Il-Kunsill approva unanimament li s-Segretarju Eżekuttiv jiddentifika liema staff għandu jattendi għal dan it-taħriġ.

34/03/07 **Is-Sindku Jesmond Aquilina** informa lill-Kunsill li fil-ġranet li ġejjin se jibda l-asfaltar ta' Triq San Pawl/ San Pietru, u Triq H'Attard. Is-Sindku Jesmond Aquilina semma

wkoll li parti mill-ispiża se tiġi ffinanzjata minn skema tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali li għaddiet lir-Reġjuni.

**34/03/08** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** informa lill-Kunsill li l-proċess tad-devoluzzjoni tal-Mitħna għadu għaddej filwaqt li fuq inizjattiva tal-eks Sindku Rosianne Cutajar, se ssir laqgħa mal-Ministru tat-Turiżmu dwar ir-restawr tal-Mitħna u jsir mużew tas-sengħa tal-ħobż.

.

**34/03/09** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** informa lill-Kunsill li ġie infurmat li DAR BJORN (ALS) se tkun f'Ħal Qormi, fi Triq il-Kbira. Din se tiġi inawgurata fil-20 ta' Ottubru fejn din se tiġi mxandra waqt il-programm Xarabank kif ukoll se jattendu personalitajiet distinti.

**34/03/10** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill talba tas-Segretarju Eżekuttiv biex 96 siegħa ta' vacation leave jiġu akkumulati mis-sena 2017 għas-sena 2018.

**34/04 RAPPORTI**

**34/04/01 RAPPORT MILL-BORD TAL-AĠĠUDIKAZZJONI DWAR L-OFFERTA TA' *TENDER FOR THE DESIGN, SUPPLY, INSTALLATION AND MANAGEMENT OF A PUBLIC BICYCLE-SHARING SYSTEM INCLUDING ELECTRICALLY ASSISTED BICYCLES AND CHARGING STATIONS IN THE LOCALITY OF ĦAL QORMI***

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lis-Segretarju Eżekuttiv jressaq dan ir-rapport mill-bord tal-Aġġudikazzjoni dwar l-installazzjoni u l-immaniġġjar ta' sistema ta' bicycle sharing. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-bord jirrakkomanda li l-offerta tiġi rejected peress li l-ammonti kkwotati huma ħafna aktar mill-allokazzjoni tal-Kunsill għal dan il-proġett. **DOK 'A1'**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq mozzjoni biex din l-offerta ma tiġix mgħotija u taqa'.

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** issekonda.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-mozzjoni ġiet approvata u l-Kunsill qabel nem.con li peress dan il-proġett kien se jiġi parzjalment iffinanzjat mill-iskema ta' proġetti Kapitali, se titressaq talba li l-**

**fondi li kienu allokati għal dan il-proġett imorru fuq il-proġett l-ieħor tal-Belisha Beacons.**

**34/05 RAPPORTI KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

**34/05/01** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex iressaq l-approvazzjonijiet minn Transport Malta għall-implimentazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li Transport Malta approvat:

One-Way Triq Marju Pace
Road Hump fi Triq il-Kbira
Road Hump fi Triq Kardinal Sciberras

**Il-Kunsill approva nem.con ir-rapport biex il-Kunsill jipproċedi bl-implimentazzjoni ta' dawn l-approvazzjonijiet. DOK 'B'**

**34/05/02** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** spjega li din il-materja se titressaq għad-diskussjoni fil-laqgħa li jmiss peress li l-kunsillier responsabbli mill-qasam, Jerome Caruana Cilia ma jinsabx preżenti.

**34/05/03** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lill-kunsilliera biex permezz ta' din il-materja, l-Kunsilliera se jkunu jistgħu jressqu rapporti u kummenti dwar il-ħidma tagħhom fil-laqgħat tal-Kunsill. Is-Sindku Jesmond Aquilina stieden lill-Kunsillier biex iressqu nominazzjoni ta' persuni għal fuq sotto-kumitati li jaqgħu taħt ir-responsabbilta' tagħhom u dan biex il-Kunsill iħaddan il-kunċett tas-sussidjarita' u jagħti faċilita' liċ-ċittadin biex ikun parteċipi fid-deċiżjonijiet li jieħu l-Kunsill.

**Il-Kunsillier Josef Aquilina** informa lill-Kunsill li fit-22 ta' Ottubru se ssir attivita' bħala parti mir-responsabbilta' li taqa' taħtu, Animal Welfare. L-attivita' se tkun tikkonsisti b'mixja bl-annimali u se tkun qed tiġi organizzata b'kollaborazzjoni mal-Qormi Atheltic Club.

**Il-Kunsillier Daniel Bugeja** informa lill-Kunsill li fil-qasam tal-Edukazzjoni, ikkordina ma' Skola Sajf San Ġorġ biex saret żjara fis-santwarju tal-klieb fl-Ghammieri fejn it-tfal ħadu pjaċir ħafna. Barraminnhekk, ma' Skola Sajf San Bastjan ġiet organizzata attivita fejn ġew mistiedna personalitajiet minn Ħal Qormi u l-Kunsill ippreżentalhom rikonoxximent. **Il-Kunsillier Daniel Bugeja** kompla li fit-22 ta' Novembru se tiġi organizzata Jum Dinji għat-tfal bl-istess format tas-sena l-oħra filwaqt li nhar is-Sibt 16 ta' Settembru se tiġi organizzata Career Day. **Il-Kunsillier Daniel Bugeja** kompla jgħid li huwa għamel kuntatt dirett ma' SportMalta dwar il-problema li qed ikollu l-Qormi Sports and Fitness Park iżda dawn il-problemi baqgħu jippersistu u ppropoa li l-Kunsill jiltaqa' mas-Segretarju Parlamentari responsabbli. Il-Kunsill approva *nem.con*.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** spjega li l-Gal Xlokk beda jiltaqa' u fil-ġranet li ġejjin se ssir laqgħa mal-Kunsill dwar proġetti li nistgħu nipproponu biex isiru minn fondi ewropej taħt miżuri differenti.

**Il-Kunsillier Renald Falzon** talab biex il-Kunsill jinforma lill-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura dwar il-wegħda li kienet saret biex isir l-asfaltar ta' Triq il-Kanun. Il-Kunsillier Renald Falzon kompla biex issir mera fi Triq Ħ'Attard u fi Triq il-Milied. Il-Kunsill aċċetta l-proposta tal-kunsillier Falzon biex issir laqgħa ma' James Piscopo dwar id-diversi proġetti li għadhom pendenti, fosthom il-*Pelican Lights* fi Triq Mdina u il-lift tal-pont tal-Mrieħel *bypass*. Intant il-**Kunsillier Renald Falzon** xtaqt jfaħħar lill-istess Ministeru tal-interventi li qed isiru fi Triq Manwel Dimech biex tittaffa l-problema tat-traffiku f'Ħal Qormi. Intant, huwa xtaq jirrimarka li mhuwiex aċċettabbli li l-kuntrattur tal-indafa dam tlett xhur biex ineħħi l-karti tan-nar minn Sqaq Awżara.

**Il-Kunsillier Antoine Saliba Haig** irrimarka li l-Kunsill irid jara kif se jsolvi l-problema ta' tpoġġija ta' containers illegali partikolarment f'Ta' Farsina.

**F'dan l-istadju tal-laqgħa attenda l-Kunsillier Robert Cremona**

**Il-Kunsilliera Martina Brancaleone** infurmat lill-Kunsill li għat-taħdita li se ssir fis-16 ta' Settembru, ġie kkonfermat li l-kelliem ewlieni se jkun Mr Manche'. Hi semmiet li hemm kollox lest u organizzat għal din l-attivita' u appellat biex il-kunsilliera jattendu u jħeġġu lir-residenti biex jattendu wkoll.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ġibed l-attenzjoni li ladarba se jkun hemm DAR BJORN (ALS) il-Kunsill għandu jagħmel pressjoni biex fl-istess żona tiġi approvata t-talba tal-Kunsill biex issir ir-raised centre strip kantuniera ma' Triq Anici u dan biex jitnaqqas s-sewqan eċċessiv.

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** rrimarka li x-xogħol tat-tindif qabad ritmu tajjeb u beda jidher il-progress. Huwa sostna **Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** fakkar wkoll fil-kampanja nazzjonali ta' *Clean up the Site* li se ssir fis-16 ta' Settembru, fejn talab li l-Kunsilliera jipparteċipaw f'din il-kampanja u jgħinu fit-tindif li se jsir fit-tlett żoni li għażel il-Kunsill, li huma *Picnic Area*, Triq in-Negozju u Triq l-Imdina (wara l-piċċ tal-*Hockey*). Huwa informa lill-Kunsill li t-tindif tal-culverts wasal lejn l-aħħar fażi tiegħu filwaqt li hemm bżonn tissolva problema ta' vetturi abbandunati fi Triq Pietru Felice.

**F'dan l-istadju tal-laqgħa (fit-8.05pm) attenda l-kunsillier Daniel Bugeja.**

**34/06 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' AWWISSU 2017**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Awwissu 2017, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

**DOK 'C1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Awwissu 2017
**b)** *Bank Payments* Awwissu 2017
**c)** *Petty Cash* Awwissu 2017

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** issekonda.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**34/07** **APPROVAZZJONI TA' PERFORMANCE BONUS TAL-IMPJEGATI LI TTERMINA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** spjega li peress li l-impjegat Noel Pace ittermina s-servizz tiegħu minn mal-Kunsill Lokali, stieden lis-Segretarju Ezekuttiv iressaq il-Performance Appraisal. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kien qed jirrakkomanda li jingħata l-full performance bonus ta' 6%.

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** ressaq mozzjoni biex Noel Pace jingħata l-full performance bonus kif irrakkomandat mis-Segretarju Eżekuttiv.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** il-mozzjoni.

**34/08** **MOZZJONIJIET**

**34/08/01** **MOZZJONI 55/2017 (VII)**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

*Nipproponi li l-Kunsill jorganizza ħarġa għal persuni b'dizabilita' bil-kollaborazzjoni tal-Qormi Support Group, fejn sejrin inzuru l-Esplora Centre ġewwa l-Kalkara u wara jkollhom ikla ġewwa x-Xagħjra.*

*Il-Budget għal din l-attivita, li jinkludi d-dħul fil-post, l-ikel u t-transport ser ikun €800, li dawn jistgħu jiġu rifonduti mill-fond tar-Reġjun Nofsinhar*

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 55/2017.

**35/08/02 MOZZJONI 56/2017 (VII)**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

*Nipproponi li ssir konservazzjoni tar-restawr tal-istatwa ta' San Pawl, fi Triq il-Kbira u jissewew il-ħsarat li saru fil-bollards u l-kanċell.*

*L-ispiża għax-xogħol kollu huwa stmat Eur1800*

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 56/2017. Il-Kunsillier Josef Aquilina saqsa dwar jekk jistax isir ir-restawr tal-Madonna ta' Lourdes. Il-Kunsill qabel unanimament li għandu jibda l-process billi napplikaw l-Awtorita' tal-Ippjanar.

**35/08/03 MOZZJONI 57/2017 (VII)**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

*Nipproponi li ssir zjara ta' kortezija u ħarġa għall-anzjani, it-Tlieta 10 ta' Ottubru 2017 ġewwa l-Palazz ta' San Anton.*

*Il-Kunsill ser jieħu ħsieb it-transport, filwaqt li ser tiġi mitluba €5 li ser tingħata donazzjoni lill-Malta Community Chest Fund.*

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 57/2017.

**35/08/04 MOZZJONI 58/2017 (VII)**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina stieden lill-Kunsillier Robert Cremona i**ressaq din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

*Fid-dawl tal-ilmenti kbar li kellna tul dawn l-ahhar snin bhala Kunsill Lokali mir-residenti ta' Triq Gorg Mifsud Chircop;*

*U filwaqt illi ninnutaw l-impenn tal-Kunsill illi dan l-ahhar haseb sabiex jitjieb l-access ghar-residenti;*

*Nipproponi illi naghmlu talba ufficjali lill-Ministeru tat-Trasport sabiex b'mod immedjat tinbena Triq Gorg Mifsud Chircop u tinghata t-tarmac.*

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 58/2017 madanakollu **is-Sindku Jesmond Aquilina** fakkar li l-Kunsill diġa ressaq diversi talbiet lil Transport Malta dwar il-bżonn ta' asfaltar ta' din it-triq.

**35/08/05 MOZZJONI 59/2017 (VII)**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina stieden lill-Kunsillier Robert Cremona i**ressaq din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

*Fid-dawl tax-xoghlijiet li diga' bdew fi Triq Manwel Dimech;*

*U peress illi l-Ministeru tat-Trasport qed juri commitment fit-twettieq ta' progetti infrastrutturali f'diversi lokalitajiet;*

*Nipproponi illi naghmlu talba ufficjali sabiex b'mod immedjat terga' tinfetah il-junction mar-roundabout ta' Triq l-Imdina (hdejn l-Imghallaq) sabiex jigi facilitat il-hrug tal-karozzi minn Hal Qormi.*

*Dan il-pass ikun qed jirrifletti s-sentiment ta' diversi residenti illi issa ilhom zmien twil jitolbuna biex tigi indirizzata din is-sitwazzjoni.*

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 58/2017 madanakollu **is-Sindku Jesmond Aquilina** fakkar li l-Kunsill kien diġa ressaq talba lil Transport Malta dwar il-bżonn tal-ftuħ ta' din it-triq.

**34/09 AĠĠORNAMENT**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina aġġorna il-laqgħa.**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 2 ta' Ottubru 2017 fis-7.00 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-7:45 ta' filgħaxija.

| **Iffirmati** | **Iffirmati** |
|---|---|
| Jesmond Aquilina | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti kkonfermati llum 2 ta' Ottubru 2017.**